**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Il-Hamis 22 ta' Novembru 2018

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

**AĠENDA Numru 81**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali numru 81 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 26 ta' Novembru 2018 fit-3:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

81.1 Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements 2017*
81.2 Approvazzjoni tar-risposta għall-*Management Letter 2017*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-81 Laqgħa (laqgħa b'urġenza) tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 26 ta' Novembru 2018 fit-3:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fl-4:30pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Ambaxxatriċi | Michaela Vassallo |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

81.1 **APPROVAZZJONI TAL-*AUDITED FINANCIAL STATEMENTS 2017***

81.1.1 Is-Sindku David Schembri qal li wara xhur sħaħ ta' stennija, fl-aħħar wasalna sabiex napprovaw l-*Audited Financial Statements 2017*.

81.1.2 Qal li ser iħalli f'idejn is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon sabiex jispjega dwar dawn l-istatements.

81.1.3 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif dawn l-*Audited Financial Statements 2017* damu daqshekk ma waslu quddiem il-Kunsill Lokali sabiex japprovahom.

81.1.4 Qal li diġa' konna tard sabiex lestejna l-*Unaudited Financial Statements 2017* u dan minħabba li l-accountant il-ġdid tal-Kunsill Lokali beda fl-aħħar jiem ta' Jannar 2018, u quddiemu sab sitwazzjoni li ried idaħħal l-accounts kollha minn April sa Diċembru 2017 fi ftit ġranet.

81.1.5 Żied li l-Kunsill Lokali dak iż-żmien kien talab estensjoni ta' xahar sabiex idaħħal l-*Unaudited Financial Statements*, liema estensjoni kienet aċċettata, u l-Kunsill Lokali daħħal l-*istatements* tiegħu f'Marzu 2018.

81.1.6 Spjega kif wara li ġew l-awdituri mqabbda mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, dawn bdew jinnutaw li kien hemm ċertu diskrepanzi minn kif kienu ddaħħlu l-accounts fis-snin ta' qabel għal kif kienu ddaħħlu għas-sena 2017, u allura talbu lill-accountant sabiex jirrevedi d-dħul u l-ħruġ, kif ukoll teknikalitajiet oħra tal-accounts.

81.1.7 Qal li dan il-proċess ħa żmien aktar milli mistenni u għaddew ġimgħat u xhur sakemm fl-aħħar wasalna biex niffinalizzaw kollox.

81.1.8 Fisser kif probabilment, ser inkunu kkritikati mir-Rapport Annwali tal-Awditur Ġenerali dwar il-Kunsilli Lokali u dan minħabba li l-*Audited*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

*Financial Statements 2017* ma daħħalnihomx fil-ħin.

81.1.9 Qal li għal din is-sena, ser inkunu qegħdin nagħmlu l-pressjoni kollha possibbli mal-accountant tagħna sabiex kollox jiddaħħal fil-ħin, anke sabiex isem il-Kunsill Lokali tagħna ma jkunx imtappan għal xejn b'xejn.

81.1.10 Wara li l-Kunsillieri staqsew xi mistoqsijiet għall-kjarifika, il-Kunsillier Daniel Farrugia ppropona li dawn l-Audited Financial Statements 2017 għandhom jiġu approvati.

81.1.11 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud issekondat din il-proposta. u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 81.2 APPROVAZZJONI TAR-RISPOSTA GĦALL-*MANAGEMENT LETTER 2017*

81.2 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq r-risposta ppreparata mill-Kunsill Lokali għall-*Management Letter 2017* li għamlu l-awdituri tal-NAO.

81.2.1 Qal li fir-risposta, il-Kunsill Lokali spjega ċertu punti, kif ukoll diġa' għandna konferma mill-accountant tal-istess Kunsill Lokali, li fejn hemm nuqqasijiet min-naħa tiegħu, jew inkella fejn wieħed jista' jirranġa, dawn ser isiru fl-accounts ta' din is-sena.

81.2.2 Il-Kunsilliera Daniela Farrugia pproponiet li l-Kunsill Lokali għandu japprova r-risposta għall-*Management Letter 2017*.

81.2.3 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Il-laqgħa ntemmet fl-4pm.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ____________________ |
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |